

It-terroriżmu fl-UE: attacchi terroristiċi, imwiet u arresti fl-2020

Filwaqt li l-ġhadd ta' attacchi terroristiċi fl-UE baqa' stabbli fl-2020, l-estremisti sfruttaw il-pandemija biex ixerrdu l-propaganda.

TERRORIŻMU TA' ISPIRAZZJONI RELIĠJUŻA/ĠIĦADISTA FL-UE



*inklużi attakki li twettqu, li ġew sfrattati u li fallew

Sors: Europol



Skont [ir-rapport tal-Europol tal-2021 dwar is-sitwazzjoni tat-terroriżmu fl-UE](#), fl-2020 kien hemm 57 tentattiv terroristiku fl-EU-27 (li jinkludu tentattivi li rnexxew, li fallew u sfrattati), meta mqabbla ma' 55 fl-2019. Minn dawn, 10 kienu attakki terroristiċi ġiħadisti fl-Awstrija, fi Franza u fil-Ġermanja. Għalkemm jirrappreżentaw biss wieħed minn kull sitt attakki fl-UE, it-terroristi ġiħadisti kienu responsabbli għal aktar min-nofs l-imwiet (12) u kważi l-korrimenti kollha (47). L-għadd totali ta' fatalitajiet u korrimenti fl-UE rdoppja minn għaxart (10) imwiet u 27 korriment fl-2019 għal 21 mewta u 54 korriment fl-2020.

Total ta' 14-il attakk terroristiku etno-nazzjonalista u separatista seħħew fi Franza u Spanja, filwaqt li 24 attakk twettqu minn organizzazzjonijiet jew individwi terroristiċi tax-xellug jew anarkisti jew individwi, kollha fl-Italja. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn l-attakki kienu mmirati

lejn proprjetà privata u pubblika bħal istituzzjonijiet finanzjarji u bini tal-gvern.

Fl-2020, tliet Stati Membri tal-UE (il-Ġermanja, il-Belġju u Franza) esperjenzaw erba' attentati terroristiċi motivati mill-estremiżmu tal-lemin. Wieħed minnhom biss, madankollu, twettaq.

Ikonsulta l-miżuri tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

Kważi d-doppju tal-attakki ġiħadisti mwettqa minn dawk sfrattati

It-terroriżmu ġiħadista jibqa' l-akbar theddida għall-UE. Fl-2020, in-numru ta' attakki terroristiċi ġiħadisti li twettqu kien aktar mid-doppju ta' dawk li ġew sfrattati.

	2017	2018	2019	2020
Attakki kkompletati	10	7	3	10
Komplotti li ma rnexxewx	12	1	4	0
Komplotti li ġew sfrattati	11	16	14	4
Totali	33	24	21	14

Għadd ta' attakki terroristiċi ġiħadisti mwettqa, li fallew u li ġew sfrattati fl-UE (2017–2020)

Sors: Europol 2021

Skont il-Europol, atturi individwali kienu wara l-attakki kollha tal-ġiħadisti, b'erbgħa mill-10 attakki ta' suċċess imwettqa miċ-ċittadini tal-UE. Xi wħud mill-atturi individwali wrew taħlita ta' ideoloġiji estremi u kwistjonijiet ta' saħħa mentali, b'iżolament soċjali u b'żieda fl-istress bħala riżultat tas-suspett li l-pandemija li kellha rwol f'xi każijiet.

Aqra aktar dwar it-terroriżmu ġiħadista fl-UE mill-2015 'l hawn

Tnaqqis sinifikanti fl-arresti terroristiċi

Total ta' 449 arrest fuq suspett ta' reati terroristiċi ġew irrappurtati lill-Europol fl-2020. Dan in-numru kien sinifikament inqas minn dak tal-2019 (1 004). Mhuwiex ċar jekk dan it-tnaqqis hux minħabba attività terroristika mnaqqsa jew hux riżultat ta' kapaċitajiet operazzjonali mnaqqsa ta' infurzar tal-liġi minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Ara n-numri ewlenin dwar it-terroriżmu fl-UE fl-2019

Użu akbar ta' armi sempliċi

Il-lockdowns relatati mal-pandemija u l-għeluq ta' spazji pubbliċi fejn tinġema' l-massa, bħal ċentri tax-xiri, knejjes u grawnds, jidhru li wasslu għal tnaqqis fl-użu ta' splussivi f'attakki terroristiċi. Fl-2020, it-terroristi rrikorrew prinċipalment għal daqqiet ta' sikkina, tfarrik tal-vetturi u ħruq. L-armi tan-nar intużaw biss fl-attakk terroristiku tal-lemin f'Hanau (il-Ġermanja) fi Frar u fl-attakk ġiħadista fi Vjenna f'Novembru.

Radikalizzazzjoni online: theddida dejjem tikber

Bl-użu tal-internet li żdied matul il-pandemija, il-komunitajiet online kellhom rwol importanti fit-tixrid tal-estremiżmu vjolenti. Wara sforzi permezz ta' apps ta' messaġġerija, bħal Telegram, biex jiġu mblukkati l-gruppi terroristiċi, il-propaganda ġiħadista saret aktar imxerrda fuq diversi pjattaformi online, ħafna drabi iżgħar, u l-estremisti tal-lemin, b'mod partikolari ż-żgħażaġħ, bdew jużaw video games u pjattaformi tal-logħob biex ixerrdu l-ideoloġija tagħhom.

Kemm l-estremisti ġiħadisti kif ukoll dawk tal-lemin ippruvaw jisfruttaw il-COVID-19 għal skopijiet ta' propaganda, filwaqt li l-estremisti tax-xellug u l-anarkisti inkorporaw il-kritika tal-miżuri tal-gvern fil-ġlieda kontra l-pandemija fin-narattivi tagħhom.

[Aqra aktar dwar dak li tagħmel l-UE biex tevita r-radikalizzazzjoni](#)

Il-ħtieġa ta' sforzi kkoordinati fil-livell tal-UE

"Valutazzjoni metikoluża tat-theddida u sforzi kkoordinati huma tal-akbar importanza biex jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet u titnaqqas il-vjolenza terroristika u estremista kemm online kif ukoll offline," qal Claudio Galzerano, il-kap taċ-ċentru għall-ġlieda kontra t-terroriżmu tal-Europol, meta [ppreżenta r-rapport tas-sejbiet tal-programm annwali tal-Europol lill-membri tal-kumitat tal-libertajiet ċivili](#) fit-22 ta' Ġunju 2021.